BELAND 2000

# Santa Catalina de Alejandria

## Iconografija Spanjola fl-istatwa titulari taż-Żejtun

riċerka ta' Sandro Debono

Meta wieħed jibda biex jistudja l-istatwa titulari taż-Żejtun ta' bilfors irid jinsa t-tibdil drastiku li din l-istatwa għaddiet minnu lejn tmiem is-snin għoxrin u li bidel mhux ħażin id-dehra tal-istatwa għal dik li naraw illum. Dettalji li jistgħu jgħinu biex wieħed jasal għal informazzjoni mportanti jidher li ntilfu għalkemm oħrajn jidhru li ma ntmessewx. Meta wieħed iqabbel sewwa ritratti riċenti ta' din ix-xbiha ma' oħrajn eżistenti ta' qabel ir-rinovazzjoni, nistgħu ngħidu li r-ras maqtugħa ta' l-Imperatur Massiminu baqgħet pjuttost bla mittiefsa ; il-karnaġġjon tagħha kif ukoll dettalji partikolari bħal ngħidu aħna d-daqna qasira magħmula minn bosta nokkli kif ukoll it-turban, jagħtuna iżjed l-idea ta' persuna mill-Magħreb jew minn naħa ta' fuq tal- Afrika milli ta' Patrizju Ruman. Dan jista' jkun dovut għall-fatt li l-ġrajja ta' din il-qaddisa seħħet f' Lixandra, Belt Egizzjana li wara kellha tinħakem mill-Għarab u taqa' b'mod definitiv fl-isfera ta' l-influenza Għarbija. Minħabba dan il-fatt l-assimilazzjoni ma' kostumi tad-dinja Għarbija hija possibilita reali li ġiet ukoll użata minn bosta artisti oħra. Madankollu s-simboliżmu li tiġbor fiha din ir-ras maqtugħa huwa ħafna iżjed kompless minn hekk, iżjed u iżjed meta wieħed iqis il-fatt li fil-każ tal-kostum tal-qaddisa (dejjem kif kien qabel ir-rinovazzjoni) dan huwa ferm 'l bogħod mill-libsa ta' xeħta għarbija.



Huwa sewwasew fi Spanja li l-ikonografija ta' Santa Katarina tinkludi r-ras maqtugħa ta' Massiminu, liema element huwa kemmxejn rari fil-każ ta' statwi tal-qaddisa fil-bqija tal-kontinent Ewropew. Statwi ta' Santa Katarina fil-bqija ta' l-Ewropa jġibu ir-rota, li tista tkun kemm sħiħa kif ukoll miksura, flimkien mas-sejf, il-palma tal-martirju u f'każijiet partikolari ċurkett tal-għerusija mistika f'id il-qaddisa (1) iżda ix-xbiha ta' Massiminu taħt sieq il-qaddisa hija xi ftit inqas komuni u meta niltaqgħu magħha nsibu figura sħiħa taħt ir-riġel tal-qaddisa u mhux ras maqtugħa. **Eżempju tipiku hija xbiha minquxa fl-injam u li tinsab fil-kastell ta' Karlstein fil-Bohemia (2).** Hawnhekk il-messaġġ jidher marbut mar-rebħa tat-tajjeb (b'konnotazzjonijiet spiritwali) fuq il-ħażin (konnotazzjonijiet materjali) u l-għawġ tiegħu, iżjed u iżjed meta nqisu li din l-istatwa nħadmet ftit wara l-pesta (Black Death) li kienet għadha kemm laqtet liċ-ċentru tal-Ewropa f'nofs is-Seklu XIV. Matul dan il-perjodu nistgħu ngħidu li l-kult ta' Santa Katarina kien fl-aqwa tiegħu. Il-qaddisa kienet waħda mill- erbatax il-qaddis jew qaddisa (fourtheen holy helpers) l-iżjed mfittxija f'każ ta' għawġ u saram (3) l-aktar fejn jidħol mard. Kienet tħabbatha fil-popolarita ma' Santa Marija Maddalena u fi Franza kienet l-iżjed qaddisa popolari wara l-Madonna specjalment f'Pariġi fejn il-festa tagħha baqgħet tiġi ċċelebrata bħala obbligatorja sa' l-aħħar tas-Seklu XVIII. (4)



Fil-każ ta' Spanja dan is-simboliżmu jieħu xejra differenti, liema xejra tibda tintagħġen mal-bidu tal-gwerrer kontra l-Għarab. Tajjeb li nżommu quddiem għajnejna li l-parti kbira ta' Spanja Medjevali kienet maħkuma mill-

Għarab (Mori) u li s-Slaten Insara tat-Tramuntana tas-Spanja megħjuna mill-Franċiżi u minn qawwiet insara oħrajn kienu qegħdin jissieltu biex jirbħu lura l-artijiet mirbuħa mill-Għarab. Dawn il-gwerer kienu jitwettqu bil-barka tal-papat u kienu meqjusin daqs kruċjata jew gwerra qaddisa (5). Battalja mportanti seħħet f' Navas de Tolosa fl-1212, liema battalja bdiet sensiela ta' rebħiet mill-qawwiet Insara sal-waqa ta' Granada fl-1450, l-aħħar belt f'idejn il-Mori. Dawn il-ġrajjiet kienu appoġġjati mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi Spanjoli u saħansitra nsibu każijiet bħal dak ta' l-Isqof ta' Toledo Jimenez de Rada li kien għaqqad l-armata li wara kellha toħroġ rebbieħa f' Navas de Tolosa (6). Każijiet bħal dawn waqqgħu is-suspett fuq il-knisja, b'mod speċjali l-qassisin u l-Isqfijiet Spanjoli, li kienu huma li rewwħu fuq il-ġamar li xegħel din il-gwerra qaddisa. Bosta kienu l-atroċitajiet imwettqa kemm minn naħa u kemm minn oħra; każijiet ta' qtugħ ir-ras ta' priġunieri fuq iż-żewġ naħat kienu ferm komuni; l-att tad-dekollazzjoni kien komuni ħafna. Il-konnotazzjonijiet reliġjużi ta' din il-"Krucjata Spanjola" wasslet biex il-politika Spanjola kif imħaddna mir-rejiet u n-nobbli ta' madwarhom tħalltet fil-fond mar-reliġjon u dan kollu wassal biex kull reforma politika jkollha aspett reliġjuż u viċi versa. Dan jibqa jinħass ħafna tul il-perjodu tal-Imperatur Carlu V b'mod speċjali bir-riforma u l-inkwiet fi ħdan l-Ordni Karmelitan fi Spanja lejn nofs is-Seklu XV (8).



M'hemmx dubju li matul dan il-perjodu tar-Rikonkwista, il-popolarita' ta' Santa Katarina kienet fl-aqwa tagħha; hawnhekk jidher li l-insara bdew jaraw xebħ bejn l-ħajja ta' din il-qaddisa u dak illi kienu qegħdin jgħixu huma; il-ġlieda tagħha kontra l-Imperatur li tibqa sakemm toħroġ rebbieħa saħansitra wara l-istess martirju tagħha u l-ġlieda tagħhom kontra l-Mori f'pajjiżhom. Dan l-element simboliku jidher li ma ntilifx hekk kif seħħet l-unifikazzjoni ta' Spanja taħt Kuruna waħda iżda kompla jinżel tajjeb matul ir-rinaxximent fejn il-mitologija klassika kienet tipprovdi ammont kbir ta' simboliżmu meħtieġ mill-eżiġenzi storiċi u kulturali tal-perjodu u għalhekk ġrajja bħal din ta' qaddisa hekk erojka kienet żgur tinżel għasel fil-kuntest tal-gwerrer u t-taqtigħat kontra l-Mislem li baqgħu iseħħu saħansitra bara mix-xtut Spanjoli kif ukoll aktar tard fir-Riforma kontra Luteru li kienet waħda mir-raġunijiet li ġabu fis-seħħ il-Barokk; stil li l-knisja użat fuq livell ta' propaganda favur il-glorja u l-kobor tal-knisja kattolika. L-idea ta' xbejba qalbiena li tasal biex tehodha kontra qawwa temporali kienet xhieda qawwija ta' trijonf tal- knisja u eżempju tajjeb ta' dan insibuħ fl-inkwadru ta' Santa Katarina mpitter minn Claudio Coello (1642-1693) u li jinsab fil- Meadows Museum ġewwa l-Istati Uniti. Hawnhekk, l-emfasi qiegħed fuq ix-xbiha ta' Massiminu mitluq taħt riġlejn Santa Katarina bil-qaddisa tagħfas bis-swaba ta' saqajha fuq gerżumtu bl-attenzjoni kollha tagħha. F'dan il-kwadru ta' dan il-pittur Portugiż li ħadem fi Spanja lejn it-tieni nofs tas-seklu XVII, l-figura din id-darba sħiħa ta' Massiminu għandha wkoll aċċenni qawwijin għat-taqtigħa kontra l-Mislem.

Dawn l-elementi kollha huma espressi fl-istatwa titulari taż-Żejtun. Ir-ras maqtugħa taħt riġlejn il-qaddisa m'hijiex ras ta' imperatur Ruman iżda ras ta' mislem li bid-daqna fòlta u t-turban partikolari li għandha jwassluna għall-ipoteżi interessanti: fil-kuntest tal-fatt li din l-istatwa saret Spanja is-simboliżmu tar-ras maqtugħha huwa marbut mill-qrib mar-rebħa ta' l-Insara fuq il-Mori : ir-rebħa ta' Santa Katarina ma tfissirx biss rebħa tal-ħażin fuq it-tajjeb iżda iżjed minn hekk, tidher li tiġbor wkoll ir-rebħa tar-reliġjon it-tajba fuq dik tal-Infidili f'kuntest Spanjol. Dan is-simboliżmu m'huwiex biss marbut ma' l-iconografija ta' Santa Katarina iżda nsibuh ukoll f'dik ta' qaddisin oħra bħal ngħidu aħna, San Ġakbu li fl-ikonografija Spanjola nsibuh ukoll bhala ***Santiago Matamoros*** **jew San Ġakbu, "l-qattiel" tal-Mori. Fir-Retablo tal- knisja tal- Ispirtu s-Santu ġewwa Salamanca nsibu riliev interessanti ta' Antonio de Paz, skultur tas-Seklu XVII li juri lil San Ġakbu jmexxi l-qawwet insara kontra l-Mori. Hawnhekk tajjeb li wieħed jinnota t-turban li qiegħed f'ras is-suldat Mislem ta' quddiem San Gakbu kif ukoll ir-ras maqtugħa ta' mislem fejn saqajn ta' wara taż-żiemel tal-qaddis (1). Dawn l-elementi kollha juru xebħ kbir mal-mod kif tintuża ras Massiminu fl-istatwa taż-Żejtun u jkompli jisħaq fuq is-simboliżmu qawwi tagħha bhala trofew tar-rebħa tal-insara fuq il-Mori.**

**Dan l-element ta' trijonf ta' kultura fuq oħra jiġi emfasizzat ukoll bl-ilbies tal-qaddisa stess, liema kostum**

jfakkarna f'dak li għandha x-xbiha ta' Santa Cecilja ta' l-iskola Sevillana tas-seklu XVII li tinsab fil- Victoria and Albert Museum (1) u li nistgħu inqabbluh mal-libsa ta' Santa Margarita ta' Antiokja hekk kif impittra mill-pittur Spanjol Francisco de Zurbaran (1598-1664). (10) L-istess tip ta' ħwejjeġ insibuh fil-każ ta' l-istatwa xogħol ta' Nicolas Salzillo li tinsab fil-knisja ta' Santa Catalina ġewwa Murcia (Spanja) u li dan l-iskultur ħadem fl-1721. Hawnhekk ix-xebħ huwa iżjed ċar kemm fl-idea tar-ras tal-infidil taħt riġlejn il-qaddisa kif ukoll fl-istil tal-ħwejjeġ (11) li fil-kuntest ta' dak li kienet tissimbolizza l-qaddisa fi Spanja, dan jieħu tifsira ferm aktar profonda. L-istil tal-libsa magħżul mill-artist fit-tlett każijiet jindika stat ta' nobbilta (12) li meta wieħed jpoġġih fil-kuntest ta' Santa Katarina, dan mhux biss jaqbel mal-ġrajja tal-qaddisa bħala protagomista nobbli bint Re, iżda jindika simboliżmu u aċċenni indiretti għan-nobbilta Spanjola u l-awtorita tal-membri tagħha li kienet ħarġet rebbieħa fuq il-Mori u, f'kuntest iżjed riċenti għal meta ssawwru l-opri tal-arti msemmija, fil-Battalja ta' Lepanto u taqbid ieħor li baqa jseħħ kontra l-Mislem.



(1) Hall's Dictionary of Subjects and Symbols in Art (1984) pgs 158
(2) Qabbel din ix-xbiha (l-ikonografija) ma' dik fl-arzella tal-kappellun tar-Rużarju tal-Knisja. Parrokkjali fejn San Duminku jidher jistħaq l-ereżija tat forma ta' figura umana.
(3) Dictionary of Christian Lore and Legend - J.C.J. Metford (1983) - Thames and Hudson pg. 61.
(4) Katherine Collaudemus: Medieval Modes of Venerating St. Catherine - Susan A, Kidwell - Publ. tal-Universita ta' Texas. Interessanti hawnekk aċċenn li l-awtriċi tagħmel fuq passaġġ partikolari (Sequenza vox sonora) fejn kemm il-kliem kif ukoll il-mużika wżata joħolqu impressjoni ta' qawwa u azzjoni pjuttost rari ta' qaddisin nisa.
(5) Historia de Espana: Jean Descola: Editorial Joventud 1963 - pgs. 137
(6) Idem.
(7) Ara History Book Quote.
(8) Għal aktar tagħrif ara Fondazjoni e Viaggi di S. Tereza di Gesu - Pubblicazioni Paoline - 1982.
(9) Spanish Sculpture - A catalogue of the Collection of the V & A Museum - M. Trusted pg. 88
(10) Dan jinsab fin-National Gallery ta' Londra - vide The National Gallery Companion Guide pg. 256
(11) Escultura Barroca en Espana - 1600 - 1700: Juan Jose Martin Gonzales pg. 521.
(12) "distinctive courtly costume..." Spanish Sculpure - a catalogue of the Victoria and Albert Museum" M. Trusted: pg 88

